SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

13 ta' Frar 2025*

"Appell – Suq intern tal-elettriku – Linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku – Regolament (UE) 2017/2195 – Artikolu 1(6) u (7) – Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs) – Parteċipazzjoni fil-pjattaformi Ewropej għall-iskambju ta' prodotti standard għall-enerġija tal-ibbilanċjar – Artikolu 263 TFUE – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Kunċett ta' 'att li jista' jiġi kkontestat' – Ittra tal-Kummissjoni Ewropea li tirrifjuta l-parteċipazzjoni fil-pjattaformi Ewropej ta' TSO li jopera fl-Isvizzera"

Fil-Kawża C-121/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-28 ta' Frar 2023,

Swissgrid AG, stabbilita f'Aarau (l-Isvizzera), irrappreżentata minn P. De Baere, P. L'Ecluse, V. Lefever u K. T'Syen, avocats,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn O. Beynet u B. De Meester, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, D. Gratsias u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Lamote, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Mejju 2024,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Swissgrid AG titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Diċembru 2022, Swissgrid vs Il-Kummissjoni (T-127/21, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2022:868), li permezz tiegħu din tal-aħħar ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni allegatament inkluża f'ittra ffirmata minn direttriċi tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Enerġija" tal-Kummissjoni Ewropea, li permezz tagħha din irrifjutat li tawtorizza, skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU 2017, L 312, p. 6), il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-pjattaformi Ewropej għall-iskambju ta' prodotti standard għall-enerġija tal-ibbilanċjar (iktar 'il quddiem il-"pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar"), b'mod partikolari fil-pjattaforma *Trans European Replacement Reserves Exchange* (il-Pjattaforma Ewropea ta' Skambji Transkonfinali ta' Riżervi ta' Sostituzzjoni, iktar 'il quddiem il-"pjattaforma TERRE").

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 1 tar-Regolament 2017/2195, intitolat "Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafi 1, 2, 6 u 7 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida ddettaljati dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku, inkluż l-istabbiliment ta' prinċipji komuni għall-akkwist u l-issetiljar tar-riżervi għall-konteniment tal-frekwenzi, tar-riżervi għar-restawr tal-frekwenza u tar-riżervi ta' rimpjazzament kif ukoll metodoloġija komuni għall-attivazzjoni tar-riżervi tar-restawr tal-frekwenza u tas-sostituzzjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs), […] l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija"), in-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E), […].

[…]

6. Il-[pjattaformi Ewropej għall-ibbilanċjar] jistgħu jinfetħu għat-TSOs li joperaw l-Iżvizzera diment li l-liġi nazzjonali [tal-Konfederazzjoni Svizzera] tkun timplimenta d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-suq tal-elettriku u diment li jkun hemm ftehim intergovernattiv dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-elettriku bejn l-Unjoni [Ewropea] u l-[Konfederazzjoni Svizzera], jew jekk l-esklużjoni tal-[Konfederazzjoni Svizzera] tista' twassal għal flussi ta' enerġija fiżika mhux skedati minn ġewwa l-Iżvizzera u b'hekk tipperikola s-sigurtà tas-sistema fir-Reġjun.

7. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 6, il-parteċipazzjoni tal-[Konfederazzjoni Svizzera] fil-[pjattaformi Ewropej għall-enerġija tal-ibbilanċjar] għandha tiddeċidiha l-Kummissjoni abbażi ta' opinjoni tal-Aġenzija u t-TSOs kollha f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-TSOs Żvizzeri għandhom ikunu konsistenti mad-drittijiet u mar-responsabbiltajiet tat-TSOs li joperaw fl-Unjoni, sabiex ikun hemm funzjonament mingħajr xkiel tas-suq tal-ibbilanċjar fil-livell tal-Unjoni u sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet konċernati kollha."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

3 Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif esposti fil-punti 2 sa 10 tad-digriet appellat, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

4 L-appellanti hija kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Svizzeru, li taġixxi bħala l-uniku TSO fl-Isvizzera. Hija tipparteċipa fl-ENTSO-E.

5 Ċertu numru ta' TSOs, fosthom l-appellanti, fasslu l-pjattaforma TERRE.

6 Fis-7 ta' Settembru 2017, it-TSOs kollha tal-Unjoni, miġbura fi ħdan l-ENTSO E, taw opinjoni favorevoli dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195.

7 Fl-10 ta' April 2018, l-Aġenzija tat ukoll opinjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, skont l-istess dispożizzjoni. F'din l-opinjoni, l-Aġenzija enfasizzat li, b'mod ġenerali, hija kienet taqbel mal-evalwazzjoni tat-TSOs dwar l-effettività li parteċipazzjoni sħiħa tal-Konfederazzjoni Svizzera f'dawn il-pjattaformi jkollha. Barra minn hekk, hija enfasizzat li kien importanti li l-Konfederazzjoni Svizzera timplimenta fl-intier tagħhom ir-Regolament 2017/2195 u d-dispożizzjonijiet assoċjati miegħu, sabiex it-TSOs fl-Unjoni u fl-Isvizzera jkunu fl-istess livell ta' ugwaljanza.

8 Fl-31 ta' Lulju 2020, il-Viċi Direttur Ġenerali tad-DĠ "Enerġija" bagħat ittra lill-ENTSO-E u lir-rikorrenti, li fiha huwa wera li kien sorpriż dwar l-intenzjoni tat-TSOs tal-Unjoni li jinkludu lill-appellanti fil-pjattaforma TERRE bħala membru sħiħ. Huwa enfasizza wkoll il-fatt li l-akkoppjament u l-ibbilanċjar tas-swieq kienu jaqgħu taħt qafas komplet ta' drittijiet u ta' obbligi legalment vinkolanti li miegħu l-Konfederazzjoni Svizzera kienet għadha ma wrietx qbil, b'tali mod li l-operaturi u t-TSOs Svizzeri ma kellhomx, bħala prinċipju, id-dritt li jipparteċipaw f'din il-pjattaforma. Barra minn hekk, huwa fakkar li l-Kummissjoni ma kienet tat ebda eċċezzjoni lill-Konfederazzjoni Svizzera skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195.

9 Fid-29 ta' Settembru 2020, l-appellanti wieġbet lill-Kummissjoni billi argumentat li l-parteċipazzjoni sħiħa tagħha fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar kienet indispensabbli għal raġunijiet ta' sigurtà tas-sistema tal-elettriku. Essenzjalment, hija sostniet li t-teħid inkunsiderazzjoni tagħha fil-proċess tal-kalkolu tal-kapaċità tal-Unjoni u l-inklużjoni tagħha fl-analiżi tas-sigurtà operattiva kienu insuffiċjenti. Barra minn hekk, hija rreferiet għar-raġunijiet li jinsabu fl-opinjoni tal-ENTSO-E tas-7 ta' Settembru 2017 kif ukoll f'dik tal-Aġenzija tal-10 ta' April 2018.

10 Fil-5 ta' Novembru 2020, l-ENTSO-E wieġeb lill-Kummissjoni li, għalkemm id-deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar għandha tingħata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195, it-TSOs tal-Unjoni u l-Aġenzija kienu taw opinjoni favorevoli għal tali parteċipazzjoni.

11 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2020, l-appellanti fakkret ukoll lill-Kummissjoni li t-TSOs tal-Unjoni u l-Aġenzija kienu ħarġu opinjoni favorevoli għall-parteċipazzjoni tagħha fil-pjattaforma TERRE. Hija talbitha tawtorizza din il-parteċipazzjoni skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195.

12 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2020 (iktar 'il quddiem l-"ittra kontenzjuża"), mibgħuta lit-TSOs tal-Unjoni u ffirmata minn direttriċi tad-DĠ "Enerġija", ġie, l-ewwel nett, enfasizzat li l-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-proġett tal-pjattaforma TERRE ma kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni applikabbli, jiġifieri l-Artikolu 1(6) u (7) tar-Regolament 2017/2195. It-tieni nett, tfakkar li l-opinjoni tal-Aġenzija kienet tenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera tal-intier ta' dan ir-regolament u tad-dispożizzjonijiet li kienu assoċjati miegħu. It-tielet nett, tqies li ċerti miżuri kienu jilqgħu b'mod suffiċjenti għar-riskji li kienu jippreżentaw il-flussi fiżiċi tal-elettriku mhux skedati, u għalhekk, li l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar ma kinitx neċessarja. F'dan ir-rigward, ġie enfasizzat li l-bażi tas-sigurtà operattiva kienet tinsab, minn naħa, fil-kalkolu (mill-ġdid) tal-kapaċitajiet u, min-naħa l-oħra, fil-koordinazzjoni tas-sigurtà operattiva fuq bażi reġjonali, li diġà kienu jinkludu lill-Konfederazzjoni Svizzera. Ir-raba' nett, u bħala konsegwenza, ġie konkluż li l-Kummissjoni ma sabitx raġuni sabiex tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Konfederazzjoni Svizzera tipparteċipa fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, fosthom il-pjattaforma TERRE. Il-ħames nett, it-TSOs tal-Unjoni ntalbu "jistabbilixxu mill-ġdid sitwazzjoni konformi mal-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-pjattaformi tal-[Unjoni] previsti mir-[Regolament 2017/2195] u jeskludu [lill-appellanti] mill-pjattaforma TERRE, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2021".

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

13 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Frar 2021, l-appellanti ressqet appell skont l-Artikolu 263 TFUE intiż għall-annullament tad-deċiżjoni allegatament kontenuta fl-ittra kontenzjuża.

14 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà. Minn naħa, hija sostniet li l-ittra kontenzjuża ma kinitx att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn din kienet taqa' fil-kuntest ta' sempliċi skambju informali bejn rappreżentanti tat-TSOs tal-Unjoni u d-DĠ "Enerġija", u li din ma kinitx tirrifletti l-pożizzjoni definittiva tal-Kummissjoni, b'tali mod li ma kienet tipproduċi ebda effett legali vinkolanti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni enfasizzat li l-appellanti ma kellhiex *locus standi*, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE peress li l-imsemmija ittra ma kinitx tikkonċernaha direttament.

15 Permezz ta' digriet tas-7 ta' Ottubru 2021, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tkompli bil-proċedura fil-mertu qabel ma tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni.

16 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli, peress li l-ittra kontenzjuża ma kinitx att li jista' jiġi kkontestat b'rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE. Effettivament, skont il-Qorti Ġenerali, l-appellanti, bħala TSO Svizzeru, ma għandha ebda dritt individwali li titlob jew tikseb mill-Kummissjoni l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera, u għalhekk, tat-TSOs li joperaw f'dan il-pajjiż fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar. Din l-ittra ma kinitx għalhekk tikkostitwixxi deċiżjoni li tista' tipproduċi effetti legali fir-rigward tal-appellanti, ta' natura li jbiddlu s-sitwazzjoni legali tagħha.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla d-digriet appellat;

– tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-fondatezza tar-rikors, u

– tirriżerva l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-appell.

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-appell bħala infondat u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

19 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem tliet aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta applikat kriterju ġuridiku żbaljat sabiex tiddetermina jekk l-ittra kontenzjuża tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Permezz tat-tieni aggravju, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Artikolu 1(6) u (7) tar-Regolament 2017/2195 ma jagħtihiex drittijiet li jistgħu jiġu affettwati minn din l-ittra. Permezz tat-tielet aggravju, hija tinvoka nuqqas ta' motivazzjoni fid-digriet appellat dwar il-konklużjoni li dan l-Artikolu 1(7) ma jagħtiha ebda dritt individwali.

20 Hemm lok li l-ewwel jiġi eżaminat l-ewwel aggravju.

L-argumenti tal-partijiet

21 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li jirrigwarda l-punti 19, 23, 29 u 30 tad-digriet appellat, l-appellanti ssostni li, sa fejn hija ma kinitx destinatarja tal-ittra kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali applikat, fil-punti 23 u 30 ta' dan id-digriet, kriterju ġuridiku żbaljat billi eżiġiet li din l-ittra tipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tagħha. L-istess żball jivvizzja l-punt 29 tal-imsemmi digriet.

22 F'dan ir-rigward, l-appellanti tosserva, l-ewwel nett, li hija ma kinitx fost id-destinatarji tal-ittra kontenzjuża, peress li din kienet indirizzata formalment lir-rappreżentanti tat-TSOs tal-Unjoni. Issa, meta persuna fiżika jew ġuridika tippreżenta rikors kontra att li tiegħu hija ma hijiex id-destinatarja, ma huwiex neċessarju, sabiex ir-rikors tagħha jkun ammissibbli, li dan l-att jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tagħha. F'tali każ, ikun biżżejjed li jiġi stabbilit li, minn naħa, l-imsemmi att huwa intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tad-destinatarju tiegħu u li, min-naħa l-oħra, il-persuna li ppreżentat ir-rikors tiġġustifika l-*locus standi* tagħha fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

23 It-tieni nett, fl-ittra kontenzjuża, il-Kummissjoni talbet lit-TSOs tal-Unjoni "jistabbilixxu mill-ġdid sitwazzjoni konformi mal-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-pjattaformi tal-[Unjoni] previsti mir-[Regolament 2017/2195] u jeskludu [lill-appellanti] mill-pjattaforma TERRE, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2021". Fid-dawl tat-termini użati u tat-terminu stabbilit, din l-ittra tinkludi għalhekk ordni indirizzata lit-TSOs kollha tal-Unjoni.

24 It-tielet nett, l-appellanti ssostni li hija individwalment u direttament ikkonċernata mill-ittra kontenzjuża, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, fatt li barra minn hekk il-Qorti Ġenerali allegatament aċċettat fil-punt 30 tad-digriet appellat.

25 Il-Kummissjoni titlob li l-ewwel aggravju jiġi miċħud bħala infondat u, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.

26 Effettivament, l-ewwel nett, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċar li, anki meta rikors għal annullament jitressaq minn persuna fiżika jew ġuridika kontra att li tiegħu ma tkunx id-destinatarja, ir-rekwiżit li l-effetti ġuridiċi vinkolanti ta' dan l-att għandhom ikunu tali li jaffettwaw l-interessi ta' din il-persuna, billi jibdlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħha, jibqa' applikabbli, flimkien mal-kundizzjonijiet imposti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta eżaminat, fid-digriet appellat, jekk l-ittra kontenzjuża setgħetx tipproduċi tali effetti legali fir-rigward tal-appellanti.

27 It-tieni nett, l-ittra kontenzjuża sempliċement telenka l-istat tas-sitwazzjoni legali skont ir-Regolament 2017/2195 u ma tipproduċi ebda effett legali vinkolanti fuq id-destinatarji tagħha, fid-dawl tal-assenza ta' setgħat ta' eżekuzzjoni diretti tal-Kummissjoni fir-rigward tat-TSOs.

28 It-tielet nett, sempliċi ittra ta' direttriċi tad-DĠ "Enerġija" ma tikkostitwixxix att li jista' jorbot lill-Kummissjoni bi kwalunkwe mod. Fil-fatt, skont ir-Regoli tal-Proċedura ta' din l-istituzzjoni, id-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar jiġu adottati mill-Kulleġġ tal-Kummissarji, ħlief fil-każ ta' għoti ta' awtorizzazzjoni jew ta' delega lil membru tal-Kummissjoni jew lil direttur ġenerali jew kap ta' dipartiment, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

29 Ir-raba' nett, it-talba indirizzata lit-TSOs tal-Unjoni sabiex jistabbilixxu mill-ġdid l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni fi żmien iddeterminat, li tinsab fl-ittra kontenzjuża, hija intiża biss sabiex tagħti "terminu ta' grazzja", li matulu l-Kummissjoni tastjeni milli tieħu miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tal-Istati Membri, u sabiex tħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati jipproċedu għal dan l-istabbiliment mill-ġdid mingħajr ma l-Kummissjoni jkollha tibda proċeduri ġudizzjarji formali. Fil-fatt, din l-ittra ma ssemmi ebda sanzjoni immedjata fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza, mit-TSOs tal-Unjoni, ta' dan it-terminu.

30 Il-ħames nett, l-ittra kontenzjuża ma tikkonċernax direttament lill-appellanti, li, għaldaqstant, ma għandhiex *locus standi*, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-fatt li persuna fiżika jew ġuridika tkun direttament ikkonċernata minn miżura tal-Unjoni jippreżupponi li din il-miżura tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħha u ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-imsemmija miżura. Issa, l-appellanti ma stabbilixxietx li dan kien il-każ f'dan il-każ u, kuntrarjament għal dak li ssostni, il-Qorti Ġenerali ma kkonkludietx, fil-punt 30 tad-digriet appellat, li hija kienet direttament u individwalment ikkonċernata minn din l-ittra.

31 Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li l-ittra kontenzjuża tikkonċernaha direttament sa fejn iċċaħħadha mid-drittijiet u mill-obbligi marbuta mal-adeżjoni mal-pjattaforma TERRE, il-Kummissjoni ssostni li tali effetti ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jirriżultaw direttament minn din l-ittra. Anki jekk jitqies li t-TSOs tal-Unjoni huma mġiegħla jeskludu lill-appellanti minn din il-pjattaforma, tali miżura tirriżulta mill-fatt li l-appellanti ma tistax legalment tkun membru tal-imsemmija pjattaforma u kif ukoll mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mir-regolaturi nazzjonali tal-enerġija. L-imsemmija ittra ma tistax, fiha nnifisha, iċċaħħad lill-appellanti minn dritt li hija ma għandhiex.

32 Fir-replika tagħha, l-appellanti tenfasizza li, billi ddeċidiet li l-ittra kontenzjuża ma kinitx intiża li tipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tagħha u li din ma setgħetx tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali ħalltet in-natura kontestabbli ta' att mal-*locus standi*, kif iddefiniti fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656).

33 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-argument tal-Kummissjoni li din ma kellhiex l-intenzjoni li tagħti lill-ittra kontenzjuża effetti legali vinkolanti, l-appellanti ssostni li l-intenzjoni tal-awtur ta' att għandha tiġi ddeterminata b'mod oġġettiv. Fil-fatt, in-natura kontestabbli tal-att tiddependi mit-tifsira oġġettiva li dan l-att jista' raġonevolment ikollu, fil-mument meta jiġi kkomunikat, lil destinatarju diliġenti u avżat. Għalhekk, l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għan tal-ittra kontenzjuża, ifformulati *a posteriori*, ma humiex rilevanti.

34 It-tieni nett, l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq il-fatt li hija ma għandhiex setgħat vinkolanti, fir-rigward tat-TSOs tal-Unjoni, sabiex teżiġi l-esklużjoni tal-appellanti mill-pjattaforma TERRE u li l-ittra kontenzjuża ma tipprevedix sanzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dan ir-rekwiżit lanqas ma huma rilevanti, peress li dawn iċ-ċirkustanzi ma humiex evidenti għat-TSOs tal-Unjoni.

35 It-tielet nett, l-assenza ta' delega ta' setgħa fi ħdan il-Kummissjoni fir-rigward tal-ħruġ tal-ittra kontenzjuża hija kwistjoni li taqa' taħt l-analiżi tal-mertu tal-kawża, u mhux taħt dik tan-natura kontestabbli ta' din l-ittra.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

36 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq in-natura ineffettiva ta' dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, mill-argumenti tal-appellanti żviluppati insostenn ta' dan l-aggravju jirriżulta b'mod ċar li din tikkontesta l-motivi kollha tad-digriet appellat dwar il-kriterji applikati mill-Qorti Ġenerali sabiex tiddetermina jekk l-ittra kontenzjuża tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Konsegwentement, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-imsemmi aggravju, dan id-digriet jitqies li huwa vvizzjat bi żball ta' liġi, li jwassal għall-annullament tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener vs Il-Kunsill, C-376/15 P u C-377/15 P, EU:C:2017:269, punti 44 u 45).

37 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, il-miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li huma intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi ta' persuna fiżika jew ġuridika. Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura hijiex intiża li tipproduċi tali effetti u jekk, għaldaqstant, tistax tkun

is-suġġett ta' tali rikors, għandu jsir riferiment għas-sustanza ta' din il-miżura u għandhom jiġu evalwati dawn l-effetti fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut tagħha, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni tagħha kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni, tal-korp jew tal-organu li huwa l-awtur tagħha, peress li dawn is-setgħat għandhom jinftiehmu mhux b'mod astratt, iżda bħala elementi ta' natura li jiċċaraw l-analiżi konkreta tal-kontenut ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BCE, C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs CRU, C-551/22 P, EU:C:2024:520, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Meta rikors għal annullament kontra att adottat minn istituzzjoni jiġi ppreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika, il-Qorti tal-Ġustizzja repetutament iddeċidiet li dan jista' jseħħ biss meta l-effetti legali vinkolanti ta' dan l-att ikunu tali li jaffettwaw l-interessi tal-persuna kkonċernata, billi jibdlu b'mod sinjifikattiv il-pożizzjoni legali tagħha (sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ġiet żviluppata fil-kuntest ta' azzjonijiet imressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra atti li tagħhom kienu d-destinatarji. Meta, bħalma huwa l-każ fil-każ ineżami, rikors għal annullament jiġi ppreżentat minn rikorrent bħala parti mhux privileġġata kontra att li tiegħu ma huwiex id-destinatarju, ir-rekwiżit li l-effetti ġuridiċi vinkolanti tal-miżura kkontestata għandhom ikunu tali li jaffettwaw l-interessi ta' dan ir-rikorrent, billi jibdlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tiegħu, jikkoinċidi mal-kundizzjonijiet imposti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 38).

40 F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-għan tal-ewwel aggravju mqajjem, għandu l-ewwel jiġi eżaminat jekk, sabiex tilqa' l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni minħabba li l-ittra kontenzjuża ma kinitx ta' natura li tipproduċi effetti legali vinkolanti li jaffettwaw l-interessi tal-appellanti billi jbiddlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħha u, għalhekk, li tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-kriterji dwar in-natura kontestabbli ta' att, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 37 sa 39 ta' din is-sentenza.

41 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 21 tad-digriet appellat, li din l-ittra, l-ewwel nett, tfakkar li l-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-pjattaforma TERRE ma hijiex possibbli mingħajr ma l-Kummissjoni tawtorizza minn qabel lill-Konfederazzjoni Svizzera sabiex tipparteċipa fiha, skont l-Artikolu 1(6) u (7) tar-Regolament 2017/2195, it-tieni nett, tenfasizza li ma jidhirx li l-kundizzjonijiet ta' tali parteċipazzjoni ġew issodisfatti u, it-tielet nett, titlob lit-TSOs tal-Unjoni jeskludu lill-appellanti mill-imsemmija pjattaforma, mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2021.

42 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 23 u 24 tad-digriet appellat, li l-kuntest ġuridiku li fih taqa' l-ittra kontenzjuża jipprekludi li din tiġi kklassifikata bħala att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tal-appellanti, peress li l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195 ma jipprevedix id-dritt għall-appellanti li titlob lill-Kummissjoni u li tikseb mingħandha l-awtorizzazzjoni favur il-konfederazzjoni Svizzera u, għaldaqstant, favur it-TSOs li joperaw f'dan il-pajjiż sabiex dawn jipparteċipaw fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, b'mod partikolari fil-pjattaforma TERRE.

43 Sabiex issostni din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali sostniet, l-ewwel, fil-punti 25 sa 27 tal-imsemmi digriet, li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195 jirriżulta li din id-dispożizzjoni tippermetti biss lill-Kummissjoni tieħu pożizzjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk din il-parteċipazzjoni għandhiex tiġi awtorizzata, iżda ma timponilha ebda obbligu f'dan ir-rigward, u għalhekk il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta tali parteċipazzjoni, anki fil-każ fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 1(6) ta' dan ir-regolament ikunu ssodisfatti.

44 It-tieni, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punti 28 u 29 tal-istess digriet, essenzjalment, li, anki jekk l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195 jistabbilixxi proċedura li l-Kummissjoni għandha ssegwi qabel ma tadotta deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, din id-dispożizzjoni ma tagħti ebda dritt lir-rikorrenti bħala TSO li jopera fl-Isvizzera sabiex tibda l-imsemmija proċedura jew sabiex tiġi assoċjata magħha, bi kwalunkwe mod, b'mod partikolari abbażi tal-eżerċizzju ta' dritt għal smigħ. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza lill-Konfederazzjoni Svizzera u, għalhekk, lit-TSOs li joperaw f'dan il-pajjiż sabiex jipparteċipaw fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar tiddependi biss mill-għażla tal-Kummissjoni, li f'dan ir-rigward, għandha setgħa diskrezzjonali.

45 Fil-punt 30 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali żiedet ukoll li l-fatt li l-appellanti kellha interess dirett u individwali fl-annullament tal-ittra kontenzjuża sa fejn din tal-aħħar irrifjutat li tawtorizza lill-Konfederazzjoni Svizzera u, għaldaqstant, lit-TSOs li huma stabbiliti fiha sabiex jipparteċipaw fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar ma huwiex ta' natura li jagħtiha dritt tikkontesta din l-ittra, peress li din ma tistax titqies li hija att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tagħha.

46 Issa, billi eżaminat jekk l-ittra kontenzjuża tikkostitwixxix deċiżjoni li tista' tipproduċi effetti legali vinkolanti "fir-rigward tal-appellanti", ta' natura li jbiddlu s-sitwazzjoni legali tagħha, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat kriterji speċifiċi għas-sitwazzjonijiet fejn ir-rikorrenti tkun destinatarju tal-att ikkontestat u mhux dawk applikabbli għas-sitwazzjonijiet fejn, bħal f'dan il-każ, l-appellanti ma hijiex destinatarja tal-att appellat. Fil-fatt, f'din it-tieni ipoteżi, huwa biżżejjed li jiġi stabbilit li dan l-att huwa intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward, b'mod partikolari, tad-destinatarji tiegħu sabiex jitqies bħala att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 40). Min-naħa l-oħra, f'dan l-istadju, ma hemmx bżonn li jiġi vverifikat jekk dawn l-effetti legali humiex ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-appellanti, billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tagħha, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 39 ta' din is-sentenza, peress li din il-verifika titwettaq neċessarjament, kif tindika, essenzjalment, din il-ġurisprudenza tal-aħħar, fl-istadju tal-eżami tal-kundizzjoni stipulata fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li tipprovdi li persuna għandha tkun direttament u individwalment ikkonċernata mill-att li hija tikkontesta.

47 Barra minn hekk, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali, kif ippruvdut fil-qosor fil-punti 41 sa 45 ta' din is-sentenza, ma jiħux biżżejjed inkunsiderazzjoni s-sustanza tal-ittra kontenzjuża, li permezz tagħha l-Kummissjoni qieset illegali l-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-pjattaforma TERRE u ħtieġet li din il-parteċipazzjoni tintemm, b'mod partikolari tal-fatt li, f'din l-ittra, il-Kummissjoni kkonstatat li l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 1(6) u (7) tar-Regolament 2017/2195 sabiex il-Konfederazzjoni Svizzera tkun tista' tipparteċipa fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar ma kinux issodisfatti u talbet lit-TSOs tal-Unjoni "jistabbilixxu mill-ġdid sitwazzjoni konformi mal-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-pjattaformi tal-[Unjoni] previsti [minn dan ir-regolament] u jeskludu [lill-appellanti] mill-pjattaforma TERRE, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2021".

48 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, barra minn hekk, li l-fatt li l-ittra kontenzjuża ma għandhiex il-forma ta' deċiżjoni formali tal-Kummissjoni, iżda dik ta' ittra ffirmata minn direttriċi ta' Direttorat Ġenerali ta' din l-istituzzjoni, jiġifieri d-DĠ "Enerġija", ma huwiex determinanti għall-klassifikazzjoni tagħha bħala "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni, C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 44 u 59 u kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, bħala prinċipju, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-att ikkonċernat jekk dan jissodisfax jew le ċerti rekwiżiti formali, jiġifieri, b'mod partikolari, li jkun debitament intitolat mill-awtur tiegħu jew li jsemmi d-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi legali tiegħu. Huwa wkoll irrilevanti li l-att inkwistjoni ma ġiex innotifikat mill-Kummissjoni lill-appellanti, peress li tali difett ma jistax jibdel is-sustanza tal-imsemmi att (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni, C-322/09 P, EU:C:2010:701, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Li kieku kien mod ieħor, il-Kummissjoni tkun tista' tevita l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni billi tinjora r-rekwiżiti formali li jirregolaw l-adozzjoni tal-att inkwistjoni, rekwiżiti li huma imposti fid-dawl tas-sustanza vera tiegħu u li fosthom hemm dawk dwar il-kompetenza tad-dipartiment li aġixxa u l-indikazzjoni korretta ta' dan l-att bħala "deċiżjoni". Issa, peress li l-Unjoni hija komunità tad-dritt fejn l-istituzzjonijiet huma suġġetti għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mat-Trattat, il-modalitajiet proċedurali applikabbli għall-azzjonijiet li bihom hija adita l-Qorti tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, b'tali mod li dawn il-modalitajiet ikunu jistgħu jingħataw applikazzjoni li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-għan li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jiksbu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni, C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Issa, mir-rifjut tal-Kummissjoni li tawtorizza lill-Konfederazzjoni Svizzera u, konsegwentement, lit-TSOs li jeżerċitaw f'dan il-pajjiż sabiex jipparteċipaw fil-pjattaformi Ewropej tal-ibbilanċjar, skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195, flimkien mat-talba indirizzata lit-TSOs tal-Unjoni sabiex itemmu l-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-pjattaforma TERRE, jirriżulta li l-ittra kontenzjuża hija intiża li tipproduċi effetti legali vinkolanti.

51 Barra minn hekk, billi bbażat ruħha, fil-punt 29 tad-digriet appellat, fuq l-assenza ta' dritt individwali tal-appellanti, skont l-Artikolu 1(7) tar-Regolament 2017/2195, li jirregola s-setgħa ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni kif ukoll, sussegwentement, fuq l-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet skont din id-dispożizzjoni, il-Qorti Ġenerali żiedet kriterju dwar l-eżistenza ta' dritt suġġettiv li ma jirriżultax mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar in-natura kontestabbli ta' att, imfakkra fil-punti 37 u 38 ta' din is-sentenza.

52 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball doppju ta' liġi, sa fejn, minn naħa, hija qieset, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni s-sustanza vera tal-ittra kontenzjuża, li din ma tikkostitwixxix att li jista' jkun suġġett għal rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE u sa fejn, min-naħa l-oħra, hija żiedet kriterju relatat mal-eżistenza ta' dritt suġġettiv.

53 Barra minn hekk, fid-dawl tal-iżviluppi indikati fil-punti 47 u 50 ta' din is-sentenza, l-argument tal-Kummissjoni li l-ittra kontenzjuża sempliċement issemmi s-sitwazzjoni legali skont ir-Regolament 2017/2195 u ma tipproduċi ebda effett legali vinkolanti fuq id-destinatarji tagħha jista' biss jiġi miċħud.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ.

55 Konsegwentement, mingħajr ma hemm lok li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet aggravju, id-digriet appellat għandu jiġi annullat.

Fuq ir-rinviju tal-kawża lill-Qorti Ġenerali

56 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Għalhekk hija tista' jew tiddeċiedi hija stess il-kawża definittivament, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċidiha.

57 F'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors inammissibbli minħabba li l-ittra kontenzjuża ma kinitx ta' natura li tipproduċi effetti legali vinkolanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni, f'dan l-istadju tal-proċedura, li tagħti deċiżjoni definittiva fuqu.

58 Barra minn hekk, insostenn tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li hija tqajjem, il-Kummissjoni sostniet mhux biss li l-ittra kontenzjuża ma hijiex att li jista' jiġi kkontestat, iżda wkoll li l-appellanti ma għandhiex *locus standi*, billi din l-ittra ma tikkonċernahiex direttament.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, persuna fiżika jew ġuridika tista' biss tippreżenta azzjoni kontra deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra jekk l-imsemmija deċiżjoni tkun tikkonċernaha direttament u individwalment (sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 65).

60 Fir-rigward, minn naħa, tal-kwistjoni dwar jekk l-appellanti hijiex direttament ikkonċernata mill-ittra kontenzjuża, li hija indirizzata lit-TSOs tal-Unjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li din il-kundizzjoni titlob li jkunu ssodisfatti ż-żewġ kriterji kumulattivi, jiġifieri li l-miżura kkontestata, fl-ewwel lok, toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu u, fit-tieni lok, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li għandhom jimplimentawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-appellanti hijiex individwalment ikkonċernata mill-ittra kontenzjuża, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, persuni li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jippretendu li huma kkonċernati individwalment ħlief fil-każ li din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddifferenzjahom minn kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzahom bl-istess mod bħalma jkun individwalizzat id-destinatarju ta' tali deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Barra minn hekk, il-fatt li l-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 30 tad-digriet appellat, li "l-fatt li l-appellanti kellha interess dirett u individwali fir-rigward tal-annullament tal-ittra [kontenzjuża] […] ma huwiex ta' natura li jagħtiha dritt li tikkontesta l-imsemmija ittra, sa fejn din tal-aħħar ma tistax titqies li hija att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tagħha […] ", għandu jiġi analizzat, fl-assenza ta' kull motivazzjoni intiża sabiex issostni l-eżistenza ta' tali interess dirett u individwali, bħala li huwa kunsiderazzjoni superfluwa, sa fejn ingħad fl-ipoteżi fejn interess individwali u dirett ġie kkonstatat. Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex, fi kwalunkwe każ, rilevanti, peress li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ittra kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk l-appellanti hijiex direttament u individwalment ikkonċernata mill-ittra kontenzjuża u kif ukoll, jekk ikun il-każ, it-talba tal-appellanti intiża għall-annullament ta' din l-ittra.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-kawża ġiet mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura tal-appell jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Diċembru 2022, Swissgrid vs Il-Kummissjoni (T-127/21, EU:T:2022:868), huwa annullat.

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem